MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 74/2008

**Il-Pulizija**
**Vs**
**John Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Settembru, 2007, ghall-habta ta’ 21.15 hrs, waqt li kien gewwa r-residenza tieghu cioe’ “JohnVic Hse”, Triq il-President tar-Repubblika Agatha Barbara, Zabbar

1. insulenta jew hedded bi kliem lil Maria Concetta Galea minn Haz-Zabbar;
2. fl-istess cirkostanzi sar recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali, (Prim' Imhallef Onor. Vincent Degaetano) nhar il-11 ta’ Gunju, 2007, meta kien liberat bil-kundizzjoni tal-provediment tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mid-data msemmija, cioe’ mill-11 ta’ Gunju, 2007.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w ikkundannatu ghall-piena ta’ Euro 46.59 ammenda, ekwivalenti ghal LM20 u lliberatu mit-tieni imputazzjoni ghax ma rrizultatx kif dedotta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 ta’ Marzu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w timmodifika s-sentenza appellata w dan billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati tat-tieni akkuza, tirrevokaha w thassarha in kwantu sabitu hati tal-ewwel akkuza w li allura tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Semghet il-provi fis-seduta tal-lum u senjatament ix-xiehda tal-parti leza Maria Concetta Galea, tal-Ispettur Jesmond Borg u ta' WPC 182 Mary Grace Sciberras kif ukoll hadet konjizzjoni tal-affidavit ta’ WPC 156 Parascandolo.

Semghet ukoll bil-gurament lill-appellant.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi f’dan il-kaz l-unici zewg persuni direttament involuti fl-incident allegat kienu Maria Concetta Galea w l-appellant li t-tnejn attribwew lill-xulxin kliem fis-sens  li tghajjru bl-uzu tal-kelma “demel”.

Illi f’dan il-kaz l-ebda wahda mill-partijiet mhi kkorroborata minn xi xhud iehor u ghalhekk hemm konflitt fil-provi li johloq dubbju dettat mir-raguni f’mohh il-gudikant jekk il-

fatti sehhewx verament kif qed tallega x-xhud tal-prosekuzzjoni jew le.In vista ta’ dan il-Qorti tara li ma jkunx *“safe and satisfactory”* li ssib htija fuq l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx htija tal-appellant tal-addebitu tar-recidiva w tirrevokaha in kwantu sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu ghall-piena ta’ Euro 46.59 ammenda, ekwivalenti ghal LM20 u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni w piena fuq din l-imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------